Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**L-Imqabba**

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu, 2026, mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m., mill-pjazza tal-knisja, Triq San Bażilju, Triq San Mikiel, Triq id-9 ta' April 1942, Triq Karmenu Ciantar, Sqaq l-Isptar u Triq Santa Katarina;

Mill-5.00 a.m. tat-Tlieta, 4 ta' Awwissu, 2026 sa nofsillejl tas-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026, mill-pjazza tal-knisja u Triq il-Madonna tal-Ġilju;

Mis-6.00 p.m. tal-Ħamis, 13 ta' Awwissu, 2026 sa nofsillejl tas-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026, minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija inkluż is-service road;

Mill-5.00 p.m. tal-Ħadd, 9 ta' Awwissu, 2026 sas-2.00 a.m. tat-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2026, mill-pjazza tal-knisja, Triq San Bażilju, Triq Santa Katarina, Triq il-Pall, Triq it-Troll, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq id-Duluri u Triq il-Parroċċa;

Mill-5.00 p.m. tat-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2026 sas-2.00

Olivier, Pjazza Qalb ta' Ġesù (Spinola), Triq San Ġorġ, Triq Mikielanġ Borg, Triq Wied Għomor, Triq Sant'Andrija and Triq Ċensu Tabone;

From 3.00 p.m. of Sunday, 30th August, 2026 to 00.30 a.m. of Monday, 31st August, 2026, through Triq Francis Zammit, Triq Forrest, Triq Wied Għomor, Triq il-Mensija, Triq San Ġorġ, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Mons. Guido Calleja, Triq Lapsi, Triq Sant'Anġlu, Telgħet Birkirkara, Trejqet Grenfell, Triq Mikielanġ Borg and Triq il-Baltiku.

Public transport will be affected from Sunday, 23rd August, 2026 to Sunday, 30th August, 2026.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

7th August, 2026

POLICE NOTICE

**No. 186**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

**Mqabba**

On Friday, 7th August, 2026, from 5.00 p.m. to 10.00 p.m., through the church's square, Triq San Bażilju, Triq San Mikiel, Triq id-9 ta' April 1942, Triq Karmenu Ciantar, Sqaq l-Isptar and Triq Santa Katarina;

From 5.00 a.m. of Tuesday, 4th August, 2026 to midnight of Saturday, 15th August, 2026, through the church's square and Triq il-Madonna tal-Ġilju;

From 6.00 p.m. of Thursday, 13th August, 2026 to midnight of Saturday, 15th August, 2026, through Triq il-Konvoj ta' Santa Marija including the service road;

From 5.00 p.m. of Sunday, 9th August, 2026 to 2.00 a.m. of Monday, 10th August, 2026, through the church's square, Triq San Bażilju, Triq Santa Katarina, Triq il-Pall, Triq it-Troll, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq id-Duluri and Triq il-Parroċċa;

a.m. tat-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2026, mill-pjazza tal-knisja, Triq San Bażilju u Triq il-Parroċċa;

Mill-5.00 p.m. tat-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2026 sas-2.00 a.m. tal-Erbgħa, 12 ta' Awwissu, 2026, mill-pjazza tal-knisja,Triq Karmenu Ciantar, Triq in-Nazzarenu, Triq Dun Ġeraldu Mangion, Triq il-Katakombi, Triq Ħal Kirkop, Triq Santa Katarina, Triq ix-Xriek, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa u Triq San Bażilju;

Mill-5.00 p.m. tal-Erbgħa, 12 ta' Awwissu, 2026 sas-2.00 a.m. tal-Ħamis, 13 ta' Awwissu, 2026, mill-pjazza tal-knisja,Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija (service road), Triq il-Barrieri, Triq il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Triq San Mikiel u Triq San Bażilju;

Mill-5.00 p.m. tal-Ħamis, 13 ta' Awwissu, 2026 sas-2.00 a.m. tal-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2026, mill-pjazza tal-knisja, quddiem Tal-Ġilju, Triq Santa Katarina, Triq il-Kileb, Triq iċ-Ċavi, Triq Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-9 ta' April 1942, Triq San Mikiel u Triq San Bażilju;

Mis-6.00 a.m. tal-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2026 sas-2.00 a.m. tas-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026, minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija inkluż is-service road mill-Barrieri sa Qattara, il-pjazza tal-knisja, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-Duluri u Triq il-Parroċċa;

Nhar is-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026, mit-8.00 a.m. sal-5.00 p.m., minn Triq San Bażilju, Triq il-Belt Valletta, Triq il-Fjuri u Triq il-Parroċċa;

Mill-5.00 p.m. tas-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Ħadd, 16 ta' Awwissu, 2026, mill-pjazza tal-knisja, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa, Triq San Bażilju, Triq il-Belt Valletta, Triq il-Fjuri, Triq Santa Katarina, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija inkluż is-service road mill-Barrieri sa Qattara.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Ir-Rabat, Għawdex**

Mis-7.00 p.m. tal-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu, 2026 sal-5.00 a.m. tal-Ħadd, 9 ta' Awwissu, 2026, minn Triq ir-Repubblika u Triq Fortunato Mizzi;

Mis-1.00 a.m. tas-Sibt, 8 ta' Awwissu, 2026 sal-5.00 a.m. tal-Ħadd, 9 ta' Awwissu, 2026, minn Triq Fortunato Mizzi, Triq l-Univeristas, Triq Karlu Galea, Triq il-Kunsill Ċiviku, Triq Ta' Viani, Triq J. F. Kennedy, Triq Ninu Cremona, Triq ir-Repubblika, Triq il-Kastell, Triq Sir Adrian Dingli, Triq it-Telgħa tal-Belt, Triq Mons. Lwiġi Vella u Pjazza Savina;

From 5.00 p.m. of Monday, 10th August, 2026 to 2.00 a.m. of Tuesday, 11th August, 2026, through the church's square, Triq San Bażilju and Triq il-Parroċċa;

From 5.00 p.m. of Tuesday, 11th August, 2026 to 2.00 a.m. of Wednesday, 12th August, 2026, through the church's square, Triq Karmenu Ciantar, Triq in-Nazzarenu, Triq Dun Ġeraldu Mangion, Triq il-Katakombi, Triq Ħal Kirkop, Triq Santa Katarina, Triq ix-Xriek, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa and Triq San Bażilju;

From 5.00 p.m. of Wednesday, 12th August, 2026 to 2.00 a.m. of Thursday, 13th August, 2026, through the church's square, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija (service road), Triq il-Barrieri, Triq il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Triq San Mikiel and Triq San Bażilju;

From 5.00 p.m. of Thursday, 13th August, 2026 to 2.00 a.m. of Friday, 14th August, 2026, through the church's square, in front of Tal-Ġilju, Triq Santa Katarina, Triq il-Kileb, Triq iċ-Ċavi, Triq Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-9 ta' April 1942, Triq San Mikiel and Triq San Bażilju;

From 6.00 a.m. of Friday, 14th August, 2026 to 2.00 a.m. of Saturday, 15th August, 2026, through Triq il-Konvoj ta' Santa Marija including the service road from Barrieri to Qattara, the church's square, Triq Karmenu Ciantar, Triq id-Duluri and Triq il-Parroċċa;

On Saturday, 15th August, 2026, from 8.00 a.m. to 5.00 p.m., through Triq San Bażilju, Triq il-Belt Valletta, Triq il-Fjuri and Triq il-Parroċċa;

From 5.00 p.m. of Saturday, 15th August, 2026 to 3.00 a.m. of Sunday, 16th August, 2026, through the church's square, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa, Triq San Bażilju, Triq il-Belt Valletta, Triq il-Fjuri, Triq Santa Katarina, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija including the service road from Barrieri to Qattara.

Public transport will be affected.

**Vicroria, Gozo**

From 7.00 p.m. of Friday, 7th August, 2026 to 5.00 a.m. of Sunday, 9th August, 2026, through Triq ir-Repubblika and Triq Fortunato Mizzi;

From 1.00 a.m. of Saturday, 8th August, 2026 to 5.00 a.m. of Sunday, 9th August, 2026, through Triq Fortunato Mizzi, Triq l-Univeristas, Triq Karlu Galea, Triq il-Kunsill Ċiviku, Triq Ta' Viani, Triq J. F. Kennedy, Triq Ninu Cremona, Triq ir-Repubblika, Triq il-Kastell, Triq Sir Adrian Dingli, Triq it-Telgħa tal-Belt, Triq Mons. Lwiġi Vella and Pjazza Savina;

Mis-1.00 a.m. tal-Ħadd, 9 ta' Awwissu, 2026 sal-5.00 a.m. tal-Tnejn, 17 ta' Awwissu, parkeġġ mhux se jkun permess fi Triq Ninu Cremona;

Nhar it-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2026, mis-6.00 a.m. 'il quddiem, minn karreġġjata waħda minn salib it-toroq lejn Villa Rundle;

Minn nofsinhar tat-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Erbgħa, 12 ta' Awwissu, 2026, minn Villa Rundle lejn salib it-toroq;

Minn nofsinhar tal-Erbgħa, 12 ta' Awwissu, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Ħamis, 13 ta' Awwissu, 2026, minn Villa Rundle lejn salib it-toroq;

Mis-1.00 a.m. tal-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2026 sal-5.00 a.m. tat-Tnejn, 17 ta' Awwissu, 2026, minn Triq il-Kastell;

Mis-6.00 a.m. tal-Ħadd, 9 ta' Awwissu, 2026 sas-2.00 a.m. tat-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2026, minn Triq ir-Repubblika;

Mis-6.00 a.m. tat-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2026 sas-2.00 p.m. tas-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026, minn Pjazza Savina u Triq Mons. Lwiġi Vella;

Mis-7.30 p.m. tat-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2026 sas-1.30 a.m. tal-Erbgħa, 12 ta' Awwissu, 2026, minn Triq il-Kapuċċini, Triq Patri Manwel Magri, Triq Mro. Dirjanu Lanzon, Triq Sir Luigi Camilleri, Triq l-Exchange u Triq ir-Repubblika;

Minn nofsillejl tat-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2026 sas-1.00 a.m. tal-Ħadd, 16 ta' Awwissu, 2026, minn Triq ir-Repubblika u Triq Sir Luigi Camilleri;

Mis-7.00 p.m. tal-Erbgħa, 12 ta' Awwissu, 2026 sas-2.30 a.m. tal-Ħamis, 13 ta' Awwissu, 2026, minn Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Mons. Lwiġi Vella, Triq Gedrin, Triq Sant'Orsla, Triq ir-Repubblika u Triq Ninu Cremona;

Mis-7.30 p.m. tal-Ħamis, 13 ta' Awwissu, 2026 sas-1.30 a.m. tal-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2026, minn Triq ir-Repubblika downwards towards Leone's band club, Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Triq il-Ħaġġarija u Triq it-Telgħa tal-Belt;

Nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2026, mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m., mill-Pjazza tal-Katidral, Triq it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza u Triq ir-Repubblika sa ħdejn il-każin;

Mis-1.00 p.m. tal-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2026 sas-2.30 a.m. tas-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026, minn Pjazza Savina, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Indipendenza, Triq it-Telgħa tal-Belt, il-pjazza tal-katidral u Triq ir-Repubblika;

From 1.00 a.m. of Sunday, 9th August, 2026 to 5.00 a.m. of Monday, 17th August, 2026, no parking is allowed in Triq Ninu Cremona;

On Monday, 10th August, 2026, from 6.00 a.m. onwards, through one lane from the crossroads towards Villa Rundle;

From noon of Tuesday, 11th August, 2026 to 3.00 a.m. of Wednesday, 12th August, 2026, through Villa Rundle towards the crossroads;

From noon of Wednesday, 12th August, 2026 to 3.00 a.m. of Thursday, 13th August, 2026, through Villa Rundle towards the crossroads;

From 1.00 a.m. of Friday, 14th August, 2026 to 5.00 a.m. of Monday, 17th August, 2026, through Triq il-Kastell;

From 6.00 a.m. of Sunday, 9th August, 2026 to 2.00 a.m. of Monday, 10th August, 2026, through Triq ir-Repubblika;

From 6.00 a.m. of Monday, 10th August, 2026 to 2.00 p.m. of Saturday, 15th August, 2026, through Pjazza Savina and Triq Mons. Lwiġi Vella;

From 7.30 p.m. of Tuesday, 11th August, 2026 to 1.30 a.m. of Wednesday, 12th August, 2026, through Triq il-Kapuċċini, Triq Patri Manwel Magri, Triq Mro. Dirjanu Lanzon, Triq Sir Luigi Camilleri, Triq l-Exchange and Triq ir-Repubblika;

From midnight of Tuesday, 11th August, 2026 to 1.00 a.m. of Sunday, 16th August, 2026, through Triq ir-Repubblika and Triq Sir Luigi Camilleri;

From 7.00 p.m. of Wednesday, 12th August, 2026 to 2.30 a.m. of Thursday, 13th August, 2026, through Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Mons. Lwiġi Vella, Triq Gedrin, Triq Sant'Orsla, Triq ir-Repubblika and Triq Ninu Cremona;

From 7.30 p.m. of Thursday, 13th August, 2026 to 1.30 a.m. of Friday, 14th August, 2026, through Triq ir-Repubblika downwards towards Leone's band club, Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Triq il-Ħaġġarija and Triq it-Telgħa tal-Belt;

On Friday, 14th August, 2026, from 9.00 a.m. to 1.00 p.m., through the Cathedral Square, Triq it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza and Triq ir-Repubblika up to near the club;

From 1.00 p.m. of Friday, 14th August, 2026 to 2.30 a.m. of Saturday, 15th August, 2026, through Pjazza Savina, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Indipendenza, Triq it-Telgħa tal-Belt, the cathedral square and Triq ir-Repubblika;

Mill-4.00 p.m. tal-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2026 sas-1.00 a.m. tat-Tnejn, 17 ta' Awwissu, 2026, minn Triq il-Ħaġġarija, Triq il-Kastell, il-pjazza tal-katidral u Triq it-Telgħa tal-Belt;

Mis-7.00 p.m. tal-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2026 sas-2.30 a.m. tas-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026, minn Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli u Pjazza Savina;

Nhar is-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026, mid-9.00 a.m. sat-3.30 p.m., minn Triq Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Triq Alfons Marija Hili, Triq il-Karità, Pjazza San Ġorġ, Triq San Ġużepp u Trejqet is-Suq;

Mill-4.00 p.m. tas-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026 sas-2.30 a.m. tal-Ħadd, 16 ta' Awwissu, 2026, minn Triq it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Pjazza Santu' Wistin, Triq Vajringa, Pjazza San Franġisk, Triq Palma, Triq ir-Repubblika u l-pjazza tal-katidral;

Mill-4.00 p.m. tas-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026 sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 16 ta' Awwissu, 2026, minn Triq Sir Mikelanġ Refalo.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

**Il-Kalkara**

Nhar it-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2026, mis-6.00 a.m. sal-11.59 p.m., parkeġġ se jkun projbit fil-Bajja tar-Rnella, Dawret il-Bajja u Dawret Fra Giovanni Bichi.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

**Il-Ħamrun**

Nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2026, mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn quddiem il-pjazza tal-knisja tas-Samra fi Triq id-Duka ta' Edinburgh u parti minn Triq Atocia;

Nhar is-Sibt, 15 ta' Awwissu, 2026, mill-5.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn ħdejn il-knisja tas-Samra, Triq Atocia, Triq San Franġisk, Triq Giovanni Barbara, Triq il-Vittorja u Triq id-Duka ta' Edinburgh.

Hemm bżonn ta' clearance.

**Il-Belt Valletta**

Nhar is-Sibt, 5 ta' Settembru, 2026, mit-3.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq l-Ifran minn Triq San Mark sa Triq San Ġwann.

It-trasport pubbliku (Valletta circular bus) jista' jkun affettwat;

From 4.00 p.m. of Friday, 14th August, 2026 to 1.00 a.m. of Monday, 17th August, 2026, through Triq il-Ħaġġarija, Triq il-Kastell, the cathedral square and Triq it-Telgħa tal-Belt;

From 7.00 p.m. of Friday, 14th August, 2026 to 2.30 a.m. of Saturday, 15th August, 2026, through Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli and Pjazza Savina;

On Saturday, 15th August, 2026, from 9.00 a.m. to 3.30 p.m., through Triq Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Triq Alfons Marija Hili, Triq il-Karità, Pjazza San Ġorġ, Triq San Ġużepp and Trejqet is-Suq;

From 4.00 p.m. of Saturday, 15th August, 2026 to 2.30 a.m. of Sunday, 16th August, 2026, through Triq it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza, Triq Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Pjazza Santu' Wistin, Triq Vajringa, Pjazza San Franġisk, Triq Palma, Triq ir-Repubblika and the cathedral square;

From 4.00 p.m. of Saturday, 15th August, 2026 to 2.00 a.m. of Sunday, 16th August, 2026, through Triq Sir Mikelanġ Refalo.

Public transport may be affected.

**Kalkara**

On Tuesday, 11th August, 2026, from 6.00 a.m. to 11.59 p.m., parking is prohibited at Rnella Bay, Dawret il-Bajja and Dawret Fra Giovanni Bichi.

Public transport will not be affected.

**Ħamrun**

On Friday, 14th August, 2026, from 5.00 p.m. to 9.00 p.m., through in front of the square of Samra's church in Triq id-Duka ta' Edinburgh and part of Triq Atocia;

On Saturday, 15th August, 2026, from 5.00 p.m. to 8.30 p.m., through near Samra's church, Triq Atocia, Triq San Franġisk, Triq Giovanni Barbara, Triq il-Vittorja and Triq id-Duka ta' Edinburgh.

Clearance is required.

**Valletta**

On Saturday, 5th September, 2026, from 3.00 p.m. to 10.00 p.m., through Triq l-Ifran from Triq San Mark to Triq San Ġwann.

Public transport (Valletta circular bus) may be affected;

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Settembru, 2026, mis-6.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Triq Sant'Orsla minn Triq San Ġwann sa Triq l-Arċisqof, Triq l-Arċisqof minn Triq Sant'Orsla sa Triq ir-Repubblika, Triq Melita minn Triq il-Merkanti sa Triq San Pawl u Triq San Pawl minn Triq Melita sa Triq San Ġwann.

It-trasport pubbliku (Valletta circular bus) se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Awwissu, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 187**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**San Ġiljan/Tas-Sliema**

Nhar is-Sibt, 22 ta' Awwissu, 2026, minn nofsinhar sal-11.30 p.m., minn Xatt is-Sajjieda;

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Awwissu, 2026, minn nofsinhar sal-11.00 p.m., minn Triq San Ġorġ;

Mit-3.00 p.m. tat-Tnejn, 24 ta' Awwissu, 2026 sa nofsillejl tal-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2026, mill-aħħar żewġ spazji ta' parkeġġ fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Manwel Dimech u l-ewwel żewġ spazji ta' parkeġġ fi Triq Manwel Dimech kantuniera ma' Triq Santa Marija (l-ispazji ta' parkeġġ faċċata tad-djar tal-anzjani Casa Marija);

Nhar it-Tnejn, 24 ta' Awwissu, 2026, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq il-Baltiku u Triq Mikielanġ Borg;

Nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu, 2026, mis-2.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Francis Zammit;

Mis-1.00 p.m. tal-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2026 sas-1.00 a.m. tal-Ħamis, 27 ta' Awwissu, 2026, minn Triq San Ġorġ u ż-żona tal-parkeġġ quddiem l-iskola primarja fi Triq Lapsi;

Nhar is-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2026, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Xatt is-Sajjieda minn ħdejn il-Pont tal-Banis sal-monument tal-Love fi Spinola;

On Sunday, 13th September, 2026, from 6.00 a.m. to 1.00 p.m., through Triq Sant'Orsla from Triq San Ġwann to Triq l-Arċisqof, Triq l-Arċisqof from Triq Sant'Orsla to Triq ir-Repubblika, Triq Melita from Triq il-Merkanti to Triq San Pawl and Triq San Pawl from Triq Melita to Triq San Ġwann.

Public transport (Valletta circular bus) will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

7th August, 2026

POLICE NOTICE

**No. 187**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

**Saint Julian's/Tas-Sliema**

On Saturday, 22nd August, 2026, from noon to 11.30 p.m., through Xatt is-Sajjieda;

On Sunday, 23rd August, 2026, from noon to 11.00 p.m., through Triq San Ġorġ;

From 3.00 p.m. of Monday, 24th August, 2026 to midnight of Sunday, 30th August, 2026, through the last two parking bays in Triq Santa Marija corner with Triq Manwel Dimech and the first two parking bays in Triq Manwel Dimech corner with Triq Santa Marija (the parking bays opposite Casa Marija retiring home);

On Monday, 24th August, 2026, from 4.00 p.m. to 9.00 p.m., through Triq il-Baltiku and Triq Mikielanġ Borg;

On Tuesday, 25th August, 2026, from 2.00 p.m. to midnight, through Triq Francis Zammit;

From 1.00 p.m. of Wednesday, 26th August, 2026 to 1.00 a.m. of Thursday, 27th August, 2026, through Triq San Ġorġ and the parking area in front of the primary school in Triq Lapsi;

On Saturday, 29th August, 2026, from 3.00 p.m. to midnight, through Xatt is-Sajjieda from near Il-Pont tal-Banis to the Love Monument in Spinola;

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2026, mis-1.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Forrest, Triq il-Mensija, Triq San Ġorġ, Triq il-Kbira, Triq Mons. Guido Calleja, Triq Lapsi, Triq Sant'Anġlu, Telgħet Birkirkara, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Wied Għomor, Triq il-Baltiku, Triq Mikielanġ Borg, Pjazza Qalb ta' Ġesù (Spinola) u l-car park ta' Tigullio (Spinola);

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2026, mit-8.00 a.m. sa nofsillejl, minn Xatt is-Sajjieda ħdejn il-Pont tal-Banis;

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2026, mis-1.00 p.m. sa nofsillejl, miż-żona tal-parkeġġ quddiem l-iskola primarja fi Triq Lapsi;

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2026, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Baltiku u Triq Mikielanġ Borg.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat mill-Ħadd, 23 ta' Awwissu, 2026 sal-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2026.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Awwissu, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 144 tal-2026**

*Wirjiet ta' logħob tan-nar minn barkun ħdejn Bighi fil-Port il-Kbir*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li nhar it-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2026, ser tittella' wirja qasira ta' logħob tan-nar minn barkun irmiġġat bejn wieħed u ieħor f'punt A, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

| | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| A | 35° 53'.633 | 14° 31'.285 |

Il-barkun se jiġi rmunkat mit-tarzna tas-sid sal-Moll tal-Kalkara f'punt B tad-Daħla tar-Rinella nhar it-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2026, fis-7.30 a.m., biex jitgħabba bil-logħob tan-nar.

Fit-8.00 p.m., il-barkun mgħobbi bil-logħob tan-nar se jiġi rmunkat mill-Moll tal-Kalkara f'punt B tad-Daħla tar-Rinella (mgħobbi bil-logħob tan-nar) sal-pożizzjoni minn fejn se

On Sunday, 30th August, 2026, from 1.00 p.m. to midnight, through Triq Forrest, Triq il-Mensija, Triq San Ġorġ, Triq il-Kbira, Triq Mons. Guido Calleja, Triq Lapsi, Triq Sant'Anġlu, Telgħet Birkirkara, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Wied Għomor, Triq il-Baltiku, Triq Mikielanġ Borg, Pjazza Qalb ta' Ġesù (Spinola) and Tigullio's car park (Spinola);

On Sunday, 30th August, 2026, from 8.00 a.m. to midnight, through Xatt is-Sajjieda near Il-Pont tal-Banis;

On Sunday, 30th August, 2026, from 1.00 p.m. to midnight, through the parking area in front of the primary school in Triq Lapsi;

On Sunday, 30th August, 2026, from 4.00 p.m. to midnight, through Triq il-Baltiku and Triq Mikielanġ Borg.

Public transport will be affected from Sunday, 23rd August, 2026 to Sunday, 30th August, 2026.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

7th August, 2026

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 144 of 2026**

*Fireworks display from barge off Bighi and light drone display at the Grand Harbour*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a short fireworks display will be discharged from a barge moored at approximately Point A, as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt), on Tuesday, 11th August, 2026.

| | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| A | 35° 53'.633 | 14° 31'.285 |

The barge will be towed from the owner's shipyard to Kalkara Quay in Id-Daħla tar-Rinella point B, on Tuesday, 11th August, 2026, at 7.30 a.m., to be loaded with fireworks.

At 8.00 p.m., the barge, loaded with fireworks, will be towed from Kalkara Quay, Id-Daħla tar-Rinella (Point B) to the display location at Point A, where it will remain until

jinħaraq il-logħob tan-nar (punt A), u jitħalla f'din il-pożizzjoni sakemm jibda l-ispettaklu għall-ħabta tal-10.45 p.m.

Wara l-wirja, bejn wieħed u ieħor fil-11.00 p.m., il-bakun se jiġi rmunkat lura lejn il-Moll tal-Kalkara fid-Daħla tar-Rinella, punt A, biex jitniżżel l-apparat użat. Il-barkun imbagħad jiġi rmunkat lura lejn it-tarzna tas-sid bejn wieħed u ieħor f'nofsillejl.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati jibqgħu 200 metru 'l bogħod minn punt A, kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) nhar it-Tlieta, 11 ta' Awwissu, 2026, waqt li l-barkun ikun fil-pożizzjoni. Il-baħħara għandhom ukoll iżommu ż-żona murija bl-oranġjo fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) libera mit-Tnejn, 10 ta' Awwissu, 2026, mis-6.00 p.m., sal-Erbgħa, 12 ta' Awwissu, 2026, fis-7.00 a.m.

*Wirja tad-droni bid-dwal*

Fil-11 ta' Awwissu, 2026, bejn is-7.00 p.m. u l-11.30 p.m., se ssir ukoll wirja tad-droni bid-dwal.

Iż-żona ristretta hija delimitata billi jingħaqdu l-punti V, W, X, Y u Z ux-xatt ta' bejniethom, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

| *Pozizzjoni* | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| V | 35° 53'.548 | 014° 31'.003 |
| W | 35° 53'.593 | 014° 30'.948 |
| X | 35° 53'.671 | 014° 31'.064 |
| Y | 35° 53'.594 | 014° 31'.148 |
| Z | 35° 53'.572 | 014° 31'.116 |

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-wirjiet lil kwalunkwe bastiment u l-apparat anċillari tiegħu, kemm jekk dan il-bastiment u l-apparat sekondarju tiegħu jitħallew ġewwa ż-żona ta' sigurtà ta' 200m, jew barra minn dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn se ssir il-wirja.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

Is-7 ta' Awwissu, 2026

the fireworks display commences at approximately 10.45 p.m.

After the display, at approximately 11.00 p.m., the barge will be towed back to Kalkara Quay in Id-Daħla tar-Rinella, point A, to unload the equipment used. The barge will then be towed back to the owner's shipyard at about midnight.

In view of the above, mariners are advised to keep 200 metres away from point A, as shown in red on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) on Tuesday, 11th August, 2026, while the barge is in position. Mariners are also to keep the area as shown in hatched orange on the chart found on the Transport Malta webiste (www.transport.gov.mt) clear from Monday, 10th August, 2026, from 6.00 p.m., to Wednesday, 12th August, 2026, at 7.00 a.m.

*Light drone display*

A light drone display will also be held on 11th August, 2026, between 7.00 p.m. and 11.30 p.m.

The restricted area is bounded by joining points V, W, X, Y and Z, and the intermediate coastline, as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

| *Position* | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| V | 35° 53'.548 | 014° 31'.003 |
| W | 35° 53'.593 | 014° 30'.948 |
| X | 35° 53'.671 | 014° 31'.064 |
| Y | 35° 53'.594 | 014° 31'.148 |
| Z | 35° 53'.572 | 014° 31'.116 |

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 200m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the display is to be held.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

7th August, 2026

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ

**Post ta' Spettur tal-Pulizija fid-Dipartiment tal-Pulizija fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Il-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Spettur tal-Pulizija, fid-Dipartiment tal-Pulizija, fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sentejn (2) wara t-tkomplija b'suċċess tal-Eżami tal-Kwalifika (ara it-Tieni Parti tal-Proċess tal-Għażla hawn taħt).

2.2 Is-salarju ta' Spettur huwa ta' Skala ta' Salarju 8, li fis-sena 2026 huwa ta' €30,405.02 fis-sena, li jiżdied b'€486.83 fis-sena sa massimu ta' €33,326.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' Spettur titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€32,158.00 x €531.17 - €35,345.02 fis-sena 2026) wara sentejn (2) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Spettur tiġi promossa għall-grad ta' Spettur Anzjan fi Skala 6 (€33,931.02 x €596.33 - €37,509.00 fis-sena 2026) wara erba' (4) snin servizz fil-grad ta' Spettur fi Skala 7, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Minħabba n-natura tax-xogħol, il-post ta' Spettur jattira wkoll allowances kif speċifikat fil-ftehim settorjali tal-Korp tal-Pulizija intitolat 'Sectoral Agreement Regulating the Conditions of Service for the Police Force, 2023'.

2.6 (a) Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel iddata tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

(b) Applikanti se jkunu suġġetti għas-Security Clearance u dawk li qed japplikaw minn Korpi Dixxiplinari oħra se jkunu ukoll suġġetti għall-kondotta ta' dmir mill-Korpi Dixxiplinari tagħhom.

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS AND SECURITY

**Post of Police Inspector in the Police Department within the Ministry for Home Affairs and Security**

*Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

1. The Commissioner of Police, Ministry for Home Affairs and Security, invites applications for the post of Police Inspector in the Police Department within the Ministry for Home Affairs and Security.

**Terms and Conditions**

2.1 This appointment is subject to a probationary period of two (2) years following successful completion of the Qualifying Examination (vide Part Two of the Selection Procedures below).

2.2 The salary for the post of Police Inspector is Salary Scale 8, which in the year 2026 is equivalent to €30,405.02 per annum, rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €33,326.00.

2.3 A Police Inspector will progress to Scale 7 (€32,158.00 x €531.17 - €35,345.02 in 2026) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 A Police Inspector will be promoted to the grade of Senior Police Inspector in Scale 6 (€33,931.02 x €596.33 - €37,509.00 in 2026) on completion of four (4) years service in the grade of Police Inspector in Scale 7, subject to satisfactory performance.

2.5 Due to the nature of work, the post of Police Inspector also attracts allowances as specified in the Sectoral Agreement of the Police Force entitled 'Sectoral Agreement Regulating the Conditions of Service for the Police Force, 2023'.

2.6(a) Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

(b) Applicants will be made subject to Security Clearance and those applying from other Disciplinary Forces are also subject to performance conduct from their Disciplinary Forces.

2.7 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/DocsDirectives/Directives/Directive-16.pdf)).

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Spettur tal-Pulizija huma:

i. Japplika l-liġi mingħajr diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni;

ii. Iwassal bl-eżempju, jimmotiva, jagħti struzzjonijiet ċari u jissorvelja s-subordinati b'mod diliġenti waqt li jistitwixxi proċeduri dixxiplinarji għal kull imġiba mhux xierqa minn uffiċjali subordinati;

iii. Jiżgura li d-Detail of Duties ta' kuljum jiġu fformulati b'tali mod li uffiċjali tal-pulizija jiġu assenjati biex iwettqu dmirijiet fl-aħjar interess tal-komunità li jservu iżda wkoll b'mod li jiġġenera effettività u effiċjenża fl-operazzjonijiet tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta;

iv. Jiżgura li rondi regolari jitwettqu fi ħdan il-komunità waqt li jibni relazzjoni qawwija mal-komunità li jservi;

v. Jiżgura li tingħata tweġiba immedjata għal sejħiet għal għajnuna, anke f'każijiet fejn ir-responsabbiltà aħħarija li jipprovdi għajnuna bħal din tista' ma tkunx tal-Korp tal-Pulizija u jaċċerta li l-vittmi tal-kriminalità jiġu ttrattati b'attenzjoni kbira u b'empatija;

vi. Iwettaq investigazzjonijiet sħaħ u bir-reqqa f'rapporti li jiġu għall-attenzjoni tiegħu/tagħha u jsegwi r-rapporti u jassigura li l-investigazzjonijiet kollha jitwettqu fl-aħjar interess tal-liġi u fil-ħin;

2.7 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/DocsDirectives/Directives/Directive-16.pdf)).

**Duties**

3. The job duties for the post of Police Inspector include:

i. Applies the law without discrimination on any ground;

ii. Leads by example, motivates, gives out clear instructions and supervises subordinates diligently whilst instituting disciplinary proceedings for any undue behaviour by subordinate officers;

iii. Ensures that daily Details of Duties are formulated in such a way that police officers are assigned to carry out duties in the best interest of the community they serve but also in a way that generates effectiveness and efficiency in the operations of the Malta Police Force;

iv. Ensures that regular patrols are carried out within the community whilst building a strong relationship with the community s/he serves;

v. Ensures that an immediate response is provided to calls for assistance, even in cases where the ultimate responsibility to provide such help may not lie with the Police Force and ascertains that victims are handled with great care and empathy;

vi. Conducts full and thorough investigations into reports coming to his/her attention and follows up on reports and assures that all investigations are carried out int he best interest of the law and in a timely manner;

vii. Jagħti evidenza ċara u preċiża fil-Qorti meta mħarrek kif xieraq;

viii. Iżomm għarfien professjonali u tekniku billi jżomm ruħu aġġornat mal-leġiżlazzjoni eżistenti u kwalunkwe bidla fiha minn żmien għal żmien;

ix. Jesegwixxi r-rwol tiegħu/tagħha bħala prosekutur quddiem il-Qorti Inferjuri bi professjonalità kbira u livell għoli ta' tħejjija għall-każijiet;

x. Jiżgura li s-subordinati huma familjari ħafna u jaġixxu f'konformità mal-politiki, standard operating procedures (SOPs) u ċ-ċirkulari tal-GHQ rilevanti kollha, jimmaniġġjaw il-proprjetà tal-pulizija fdata lilhom bl-aħjar mod u li kwalunkwe tiswija tiġi esegwita fil-ħin waqt li jistabbilixxi relazzjonijiet ta' xogħol armonjużi ma' uffiċjali tal-Pulizija li min-naħa tiegħu jtejjeb l-esprit de corps tal-Forza tal-Pulizija;

xi. Jiżgura u josserva kunfidenzjalità etika stretta fil-kors tad-dmirijiet tiegħu/tagħha waqt li jikkonforma mal-prinċipji tal-Protezzjoni tad-Data;

xii. Ifittex li jipproteġi l-ambjent bħala parti mill-ġid komuni;

xiii. Jaqdi b'mod onest u effettiv id-dmirijiet kollha assenjati mill-Kummissarju tal-Pulizija jew uffiċjal superjuri ieħor;

xiv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/liha, kif jista' jkun meħtieġ;

xv. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xvi. Kwalunkwe dmir ieħor kif ordnat mis Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. ċittadini ta' Malta;

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u l-Ingliż sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;

iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS jew ekwivalenti*) fil-Youth and Community Studies jew Social Wellbeing Studies jew Social Policy jew Criminology

vii. Gives clear and accurate evidence in Court when summoned accordingly;

viii. Maintains a professional and technical knowledge awareness by keeping abreast of existing legislation and any changes thereto from time to time;

ix. Executes his/her role as a prosecutor before the inferior Courts with great professionalism and a high level of care preparedness;

x. Ensures that subordinates are highly conversant and act in compliance with all relevant policies, standard operating procedures (SOPs) and GHQ circulars, handle police property entrusted to them optimally and that any needed repairs are executed in a timely manner whilst establishing harmonious working relationships with fellow police officers which in tum enhances the Polices Force's esprit de corps;

xi. Ensures and observed strict ethical confidentiality in the course of his/her duties whilst complying with Data Protection principles;

xii. Seeks to protect the environment as part of the common good;

xiii. Performs honestly and effectively all the duties assigned by the Commissioner of Police or other superior officer;

xiv. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xv. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xvi. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

**Eligibility Requirements**

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. citizens of Malta;

ii. able to communicate in Maltese and English Languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for;

iii. in possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS credits or equivalent*) in Youth and Community Studies or Social Wellbeing Studies or Social Policy or Criminology or

jew Psychology jew Management jew Accounting jew Economics jew Banking jew Finance jew Legal Studies jew Science jew Social Studies jew IT jew kwalifika professjonali komparabbli. Kwalifika fil-Livell 6 tal-MQF f'suġġetti oħra minbarra dawk imsemmija jistgħu jkunu kkunsidrati.

iv. għalqu t-tmintax-il (18) sena iżda mhux id-disgħa u tletin (39) sena sal-1 ta' Jannar, 2027.

v. ta' karattru morali tajjeb. Kull applikant huwa wkoll mitlub sabiex jissottometti dikjarazzjoni bil-miktub rigward proċeduri kriminali u/jew dixxiplinari li ttieħdu kontrih/ha fil-passat u/jew li għadhom pendenti.

vi. applikazzjonijiet minn kandidati li jkollhom fuq il-persuna tagħhom tatwaġġi jiġu regolati mill-policy tat-tattoos tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta li tinstab fil-ħolqa ((https://pulizija.gov.mt)/wp-content/uploads/2025/07/POL-TAT.pdf).

vii. applikazzjonijiet minn kandidati li għandhom body modification u/jew body piercing jiġu kkunisdrati skont il-każ.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 taddokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 i. Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Psychology or Management or Accounting or Economics or Banking or Finance or Legal Studies or Science or Social Studies or IT or a comparable professional qualification. Qualification at MQF Level 6 in other subjects other than the aforementioned may be considered.

iv. have attained their eighteenth (18) birthday but not their thirty-ninth (39) birthday on the 1st January, 2027.

v. be of good moral character. All applicants will also be asked to submit a written declaration about past and/or pending criminal and disciplinary cases.

vi. applications by candidates having tattoos will be regulated as per the Malta Police Force Tattoos Policy found at the link ((https://pulizija.gov.mt)/wp-content/uploads/2025/07/POL-TAT.pdf ).

vii. applications by candidates having body modifications and/or body piercing will be considered on a case-by-case basis.

*A recognised comparable Bachelor's qualification, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Bachelor's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 180 ECTS credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to the minimum of 180ECTS credits.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 i. Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

ii. Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Din is-sejħa pubblika qed tiġi ppubblikata fl-istess waqt ma' sejħa dipartimentali għall-post ta' Spettur fid-Dipartiment tal-Pulizija kif ippubblikata nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu, 2026, permezz taċ-ċirkulari numru HR/MHS/04/2026. Applikanti li jgħaddu taħt is-sejħa dipartimentali jingħataw preċedenza fuq dawk li jgħaddu taħt is-sejħa pubblika. Barra minn hekk, persuna tista' tiġi kkunsidrata għall-ħatra biss jekk ikun hemm vakanza fi żmien tal-validità tar-riżultat.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

L-Ewwel Parti – General Ability Test/Test ta' Effiċjenza Fiżika/Eżami Mediku Preliminari/Intervista/Eżami Mediku

6.1 (i) l-applikanti se jkollhom joqgħodu għal General Ability Test (GAT).

Dan il-proċess jikkonsisti f'General Ability Test (GAT) permezz ta' kompjuter, kompletament awtomatizzat, li permezz tiegħu l-applikanti jkunu assessjati fil-ħiliet verbali, numeriċi u astratti, fuq bażi tar-risposti tagħhom għal sett ta' mistoqsijiet. Il-kandidati jridu jġibu marka ta' 50% biex jgħaddu mit-test. Il-General Ability Test (GAT) ikun immexxi mid-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Il-GAT isir f'data waħda biss u f'kazi eċċezzjonali d-deċizjoni hija tal-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

(ii) Il-livell ta' prestazzjoni fit-test dwar l-abbiltà ġenerali jkun rifless b'mod proporzjonat fil-marki assenjati għall intervista. Ikun assenjat kriterju speċifiku għal dan il-għan.

ii. Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 This public call is being published in concurrence with a departmental call for the post of Police Inspector in the Police Department as published on Friday, 7th August, 2026, through Circular number HR/MHS/04/2026. Applicants who are successful under the departmental call will be given precedence over those who are successful under the public call. Appointment is moreover subject to the availability of vacancies within the validity period of the result.

**Submission of Supporting Documents**

